**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru X**
**Appell Nru: 309/1999**

**Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**EMANUEL BUHAGIAR, u**
**CARMELO BUTLER**

**Illum, 26 ta'Jannar, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza kontra Emanuel Buhagiar u Carmelo Butler talli fl-1 ta'Settembru, 1998, fil-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imhallef Vincent De Gaetano, fir-rikors ta' l-Avukat Generali fl-atti tal-kawza "Il-Pulizija –vs- Carmelo Butler", halfu l-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficcjal iehor li jkollu s-setgha l-jghati l-gurament skond l-Artikolu 108 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza moghtija fit-30 ta'Novembru, 1999, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha ma sabetx lill-imsemmija Emanuel Buhagiar u Carmelo Butler hatja ta' l-akkuza dedotta kontrihom, u, ghalhekk, illiberathom minnha.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 17 ta'Dicembru, 1999, li bih talab li din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza appellata, u, minflok, issib u tiddikjara htija fl-appellati f'din l-akkuza, u tinfliggi fuqhom il-piena skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti, u l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi effettivament l-appell ta' l-Avukat Generali huwa bazat fuq li, skond hu, l-ewwel Qorti interpretat hazin l-Artikolu 108 tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jirreferi ghar-reat li bih l-appellati huma addebitati.

Skond l-Avukat Generali, ghalkemm dan l-Artikolu jsemmi biss '<u>il-figura tal-Magistrat jew ufficcjal iehor li jkollu s-setgha bil-ligi li jghati l-gurament</u>', u ma jsemmiex il-figura ta' l-Imhallef, pero', certament f'mohhu l-legislatur ried ifisser il-figura ta'kull gudikant, u mhux biss ghal Magistrat eccetera, bl-eskluzzjoni ta' l-Imhallef. Hu f'dan is-sens, dejjem skond l-Avukat Generali appellant, li l-ewwel Qorti interpretat skorrettement l-imsemmi Artikolu 108 tal-Kodici Kriminali, fis-sens li qalghet li l-legislatur kien eskluda l-figura ta' l-Imhallef sedenti fl-Awla Kriminali li quddiemu kien allegatament sar ir-reat ta'gurament falz.

Mill-banda l-ohra, ovvjament, l-appellati Buhagiar u Butler ma jaqblux ma' din l-interpretazzjoni ta' l-Avukat Generali li qed jghati lill-imsemmi Artikolu 108, u jistriehu fuq dak li qalghet l-ewwel Qorti li segwiet dak li gie enuncjat precedentement fis-sentenza moghtija mill-<u>Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-31 ta'Lulju, 1996 fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta –vs- Nikola sive Nicholas Cutajar "</u>.

F'din is-sentenza, dik il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet dahlet profondament fl-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu w irriteniet illi hawnhekk ma jista' qatt jigi mifhum illi fejn il-ligi tghid "<u>Jahlef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem uficcjal iehor, li jkollu s-setgha b'ligi li jghati l-gurament</u>," kienet b'dan il-kliem qed tintendi tinkludi wkoll lill-Imhallef li jkun qed jippresjedi fi proceduri civili w kriminali.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament. Din mhiex xi kwistjoni ta' precedent bhal ma donnu qieghed jallega l-appellant fir-rikors t'appell tieghu. Hu veru, kif jghid l-appellant, li ahna m'ghandniex id-dottrina tal-precedent. Izda, daqstant huwa veru ukoll li l-ewwel Qorti, kuntrarjament ghal dak li qed jissottometti l-appellant, bla ebda mod ma esprimiet ruha fis-sens li kienet qed thossha marbuta bis-sentenza msemmija tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Kull ma qalghet u ddikjarat l-ewwel Qorti, minghajr ma reghhet irrepetiet dak li qalghet dik il-Qorti, kien li taqbel mal-konkluzzjonijiet milhuqha mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza citata fl-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu 108, u ghamlithom taghha ukoll sabiex waslet ghas-sentenza prezenti sotto appell.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke l-interpretazzjoni logika ta' l-Artikolu 108 tal-Kap. 9, li tahtu l-appellati gew esklussivament akkuzati, tindika li dan l-Artikolu huwa ntiz biex jghamel tajjeb ghal dawk il-kazijiet li ma jaqghux taht xi wiehed jew iehor imsemmija fl-Artikoli 104, 105 u 106 tal-Kap. 9.

Kif sewwa gie rilevat fis-sentenza msemmija tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-31 ta'Lulju, 1996, dan l-Artikolu 108 tal-Kap. 9 **espressament** isemmi l-figura tal-Magistrat jew kull ufficcjal iehor li ghandu s-setgha b'ligi li jghati l-gurament. Bla ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma wiehed jista' jghid li l-figura ta' l-Imhallef li jippresjedi fil-Qorti Kriminali, bhal ma kien fil-kaz in ezami odjern, taqa' taht id-deskrizzjoni ta' "<u>kull ufficcjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jghati l-gurament</u>." Ma hemm l-ebda dubju, kieku dan l-Artikolu kellu jirreferixxi ghall-Imhallef li jippresjedi fil-Qorti Kriminali, il-legislatur certament kien jindika dan bi kliem car billi juza il-kelma 'Imhallef', bhal ma jsemmi il-figura tal-Magistrat.

Din hija, ghalhekk, il-posizzjoni legali sal-gurnata tal-lum fl-interpretazzjoni ta’ dan l-Artikolu msemmi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt li kull aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali qed jigi respint, il-Qorti qed tichad l-appell tieghu w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur